**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Ottubru 2017**

**Rikors Nru. 149/17 JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru 92/2017 fl-ismijiet :**

**Jeanne Borg (K.I. 358588M)**

***kontra***

**Christian Zammit (K.I. 463086M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fis-16 ta` Frar 2017, Christian Zammit ("**l-esekutat**") ipprezenta rikors fejn, ghar-ragunijiet indikati, talab lill-Qorti sabiex thassar u tirrevoka l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju 92/2017 ("**il-Mandat**") skont l-Art 836(1)(a) tal-Kap 12, u taghti ordni ghall-hlas ta` penali skont l-Artiklu 836(8)(a) tal-Kap 12 u l-ghoti ta` garanzija skont l-Art 838A tal-Kap 12.

Fil-21 ta` Frar 2017, il-Qorti tat digriet fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti, u tatha sebat ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub.

Fl-4 ta` April 2017, l-esekutat ipprezenta nota fejn osserva li (i) fir-rigward tal-mandat 92/2017, kien hareg kontromandat 302/2017, wara talba tal-esekutanti, wara li kien intavolat ir-rikors ghar-revoka. Fl-istess nota l-esekutat iddikjara illi t-talba ghar-revoka tal-Mandat kienet ezawrita bil-kontromandat li kisbet l-esekutanti stess ; l-istess ighodd ghat-talba tal-garanzija. Izda baqa` jinsisti fuq it-talba ghall-ordni ghall-hlas ta` penali.

Fil-21 ta` Awissu 2017, l-esekutanti pprezentat risposta fejn fissret il-posizzjoni taghha.

Ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-5 ta` Settembru 2017 fl-10.30 a.m. Waqt din l-udjenza, il-Qorti kkostatat illi l-esekutat iddikjara li ghar-rigward tat-talba ghall-impozizzjoni ta` penali huwa ma kellux aktar provi xi jressaq ghajr ghal dak li jirrizulta mill-atti tar-rikors. L-istess ghamlet l-esekutanti.

Ir-rikors thalla ghall-ghoti ta` provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-provvediment tal-lum jirrigwarda **<u>biss</u>** it-talba tal-esekutat sabiex din il-Qorti tordna lill-esekutanti sabiex thallas penali skont l-**<u>Art 836(8)(a) tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk :-

> *Il-qorti tista` tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju … jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi.*

Tajjeb jinghad *in primis* illi l-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva. Infatti, fid-diskrezzjoni taghha, il-Qorti tista` taqbel li tgħabbi lil min ikun talab u kiseb il-hrug tal-Mandat bil-piena tal-hlas ta` penali wara talba mill-persuna li kontra taghha ikun hareg il-Mandat.

Minbarra li l-fatt illi l-impożizzjoni tal-penali hija fakoltattiva l-Qorti trid tkun sodisfatta li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f`dan ir-rigward. Ladarba huma sanzjoni ta` natura punittiva, anke l-prova ta` wahda mill-erbgha (4) biss hija bizzejjed sabiex il-Qorti tikkunsidra jekk ghandhiex taccetta li timponi l-penali. Kif rajna, fil-kaz tal-lum, l-esekutat qieghed jinvoka l-paragrafu (a).

Dwar il-mod il-qorti ghandha tirregola d-diskrezzjoni taghha, tajjeb jinghad illi qorti ghandha timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta. Il-Qorti ghandha tagħżel li ma timponix il-penali fil-kazi estremi fejn is-sens ta` ġustizzja hekk ikun jitlob (ara : Appell Civili : 13 ta` Marzu 2001 : **Joseph Rapa vs Raymond Sammut** ; u PA : 30 ta` April 2015 : **Lombard Bank Malta plc vs Melvyn Mifsud et**).

Il-penali hija ntiza bhala mizura ta` ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta` fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b`abbuż (ara PA : 17 ta` Gunju 2010 : **Joseph Borg pro et noe vs Joseph Pace noe et**).

Qabel ma tqis it-talba tal-esekutat abbazi tal-paragrafu (a), tajjeb li jitqies l-isfond fattwali tal-kaz :-

i. Fit-23 ta` Jannar 2017, Jeanne Borg ipprezentat mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontra Christian Zammit bin-numru 92/2017 (Dok A a fol 8 sa 9) sabiex jigi kawtelat kreditu ta` EUR 28,000. It-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet milqugha b`digriet tat-23 ta` Jannar 2017. U l-Mandat hareg.

ii. Jeanne Borg naqset milli tipprezenta l-kawza sabiex titlob harsien dwar il-jedd li kien ikkawtelat bil-Mandat fit-terminu ta` ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat, liema terminu kien jaghlaq fit-12 ta` Frar 2017 li habat il-Hadd u gie jaghlaq l-ghada t-Tnejn 13 ta` Frar 2017.

iii. Fl-14 ta` Frar 2017, is-sekwestranti pprezentat il-kawza Rik Nru. 140/2017 JZM li hija pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

iv. Malli l-avukat tas-sekwestranti nduna li l-kawza giet ipprezentata jum tard wara li kien ghalaq it-terminu ta` ghoxrin (20) jum skont l-Art 843(1) tal-Kap 12, huwa ressaq talba ghall-hrug ta` kontromandat ghall-mandat de quo fit-22 ta` Frar 2017, liema kontromandat hareg u jgib in-nru 302/2017. (Dok B a fol 10 sa 11)

v. L-ghada 23 ta` Frar 2017 is-sekwestranti pprezentat mandat ta` sekwestru iehor li jgib in-nru 315/17 (Dok C a fol 12 sa 13) bil-kawza dwar id-dritt diga` pprezentata kif rajna.

vi. Kien dikjarat fir-risposta tas-sekwestranti ghar-rikors odjern illi l-kawza giet ipprezentata tardivament b` jum wiehed minhabba "*zball… dovut ghal festa pubblika tal-10 ta` Frar li nduciet lil l-istess avukat fi zball fil-kalkolu tat-terminu in kwistjoni*". Inoltre, ir-raguni mnizzla fit-talba ghall-hrug tal- kontromandat 302/2017 kienet proprju "*stante li bi zvista l-kawza wara s-sekwestru fl-ismijiet premessi giet prezentata gurnata tard, biex is-sekwestranta tirregola ruhha b`mandat regolari.*"

Dan kollu premess, din il-Qorti tqis illi ghalkemm irrizulta li l-eżekutanti pprezentat il-kawza tard ghax kien skada t-terminu ta` ghoxrin jum skont il-ligi, fl-istess waqt hija konvinta li l-presentatata tardiva tal-kawza kienet imputabbli ghal zball jew dimentikanza mhux daqstant tas-sekwestranti izda tal-avukat taghha kif dan tal-ahhar kellu l-kuragg u l-lealta` li jiddikjara mhux merament bil-fomm izda *nero su bianco* fuq atti pubblici. Kif rajna, l-esekutanti, min-naha taghha, kienet pronta li tirregolarizza l-posizzjoni taghha taht id-direzzjoni u bl-assistenza tal-avukat taghha. **<u>Dan tal-lum huwa certament kaz fejn il-Qorti sejra tesercita d-diskrezzjoni taghha illi ma timponi ebda penali fuq l-esekutanti</u>**. Illum il-kawza dwar il-jedd hija pendenti bil-mandat il-gdid qieghed jinzamm fis-sehh effett ta` dik il-kawza.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-esekutat li jirrigwardaw ir-revoka tal-Mandat u l-ghoti ta` garanzija, filwaqt illi qed tichad it-talba tal-esekutat ghall-imposizzjoni ta` penali kontra l-esekutanti. Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi partikolari tal-kaz, tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Maria Ruth Ciantar**
**Deputat Registratur**